# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 48**

**Rikors numru 71/20/1 CFS**

**Marthese *sive* Merthis Roper ġja Portelli**

**v.**

**Antoine Portelli**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressqet l-attriċi fit-22 ta' Mejju, 2020, li jaqra hekk:

> "Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma s-segwenti fatti, liema fatti hija taf bihom personalment:
>
> 1. Illi l-kontendenti huma divorzjati u dan wara li fl-2013 bdiet kawża ta' separazzjoni bejniethom quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet inversi (Rik.Ġur.Nru: 15/13RGM);

2. Illi tali kawża kienet tikkontjeni s-soliti talbiet għax-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġja veljanti bejn il-partijiet;

3. Illi matul il-ġbir tal-provi, din l-Onorabbli Qorti appuntat lill-Avukat Mark Simiana bħala perit legali sabiex jiġbor il-provi u jirrelata dwar il-kawża;

4. Illi l-perit legali sema', ġabar provi u rrelata dwar il-ħtija tal-firda, il-kura u l-kustodja tal-ulied, il-manteniment u l-aċċess tal-ulied, manteniment għall-esponenti, il-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u d-dekadenza;

5. Illi matul il-ġbir tal-provi, irriżulta li l-attur (konvenut odjern) kellu pretensjoni għal kumpens għal tkeċċija nġusta kontra s-soċjetà Smart City Malta Ltd. Meta dan xehed quddiem l-istess Perit Legali, stqarr li din il-kwistjoni kienet għadha *sub judice* quddiem it-Tribunal Industrijali. Fil-fatt, fis-seduta miżmuma nhar it-2 ta' Marzu, 2015 (a fol 923 tal-proċess tal-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija), l-attur (konvenut odjern) in kontro-eżami stqarr hekk:-

> "Naqbel li jien għandi każ pendenti kontra Smart City Malta Limited dwar tkeċċija inġusta, ossia *constructive dismissal*. Il-Każ għadu għaddej quddiem it-tribunal industrijali. Mistoqsi ngħid illikwidajtx il-pretensjoni tiegħi f'dak il-każ, ngħid li ma niftakarx għax il-każ ilu għaddej u ilna xi 6 xhur jew aktar ma nidhru l-Qorti. Nimpenja ruħi li nivverifika sas-seduta li jmiss."

6. Illi ma kien hemm ebda sottomissjonijiet ulterjuri da parti tal-attur Antoine Portelli tant li fis-sentenza finali tagħha tas-27 ta' April, 2017, kopja ta' liema sentenza qed tiġi annessa u mmarkata "Dok.A", fir-rigward tal-vertenza kontra Smart City Malta Limited, din l-Onorabbli Qorti iddisponiet kif ġej:

> "Dwar l-azzjoni li l-attur qed jieħu kontra Smart City Malta Limited għall-kumpens relattiv, tali azzjoni tirreferi għaż-żmien meta bejn il-partijiet kien hemm viġenti l-komunjoni tal-akkwisti. Fl-eventwalità li l-attur ikollu suċċess f'dik il-kawża u jingħata kumpens, tali kumpens jifforma parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet eżistenti fiż-żmien li fih l-attur qed jallega li ġie mkeċċi inġustament. **Għalhekk kwalunkwe kumpens li talvolta Smart City Malta Limited tiġi kkundannata li tħallas għandu jiġi diviż bejn iż-żewġ partijiet f'sehem indaqs bejniethom**."

7. Illi minn tali sentenza l-attur (konvenut odjern) interpona appell;

8. Illi waqt li kienet qed tipprepara r-risposta tal-appell tagħha, l-esponenti saret taf li kuntrarjament għal dak li kien xehed l-attur żewġha din il-kwistjoni kienet ġiet transatta waqt li l-proċeduri ta' separazzjoni kienu għadhom pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti;

9. Illi l-esponenti ġiet a konoxxenza tal-fatt li nhar is-26 ta' Jannar 2015 u ċjoè tliet xhur qabel ma kien xehed fil-kawża ta' separazzjoni dwar il-kwistjoni ma' Smart City Malta Limited it-tilwima quddiem it-Tribunal Industrijali kienet diġa transatta. Minn verbal tas-26 ta' Jannar 2015 tal-każ numru 2752/MF fil-kwistjoni tax-xogħol bejn Antoine Portelli u Smart City Malta Limited quddiem it-Tribunal Industrijali ġie verbalizzat dan li ġej:-

> "Wara korrispondenza elettronika datata 23 ta' Jannar 2015, mibgħuta mill-Avv. Andrew Borg Cardona għar-rikorrenti fejn peress li ntlaħaq ftehim bonarju talab li l-każ jiġi kkanċellat."

Kopja tal-verbal tas-seduta jinsab anness u mmarkat "Dok. B";

10. Illi billi l-esponenti kienet għadha fit-terminu tar-risposta interponiet appell inċidentali mis-sentenza;

11. Illi fis-sentenza li tat l-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019 dejjem fl-ismijiet inversi, kopja ta' liema sentenza qed tiġi annessa u mmarkata "Dok. C", ġie ritenut dan li ġej:

> "L-appell inċidentali huwa fir-rigward ta' dħul li l-appellata (Merthis Portelli) qed issostni li pperċepixxa l-appellant fir-rigward ta' kawża li kellu quddiem it-tribunal industrijali u li kienet ġa ġiet deċiża fil-mori tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti. Fil-fatt anke s-sentenza appellata tagħmel riferenza għal din il-vertenza f'paġna 36 tas-sentenza u tgħid li kull dħul għandu jinqasam bejn il-partijiet.
>
> L-appellat inċidentali (Antoine Portelli) hawnhekk jirribatti billi jiċċita xi sentenza li jgħidu li l-provi għandhom jitressqu biss quddiem l-ewwel Qorti u huwa biss fejn il-parti ssir taf b'xi żvilupp ġdid wara l-ewwel sentenza li tkun tista' ittella' provi ġodda; jopponi wkoll għall-produzzjoni tad-dokument eżebit mar-risposta u l-appell inċidentali minn fejn jirriżulta li l-appellat inċidentali ittransiġa l-vertenza li kellu ma' Smart City (Malta) quddiem it-tribunal imsemmi.
>
> **Il-Qorti ma tistax ma tikkundannax l-aġir tal-appellant prinċipali u appellat inċidentali f'dan ir-rigward għaliex jirriżulta mill-atti** u li huwa ittransiġa l-kawża msemmija fis-26 ta' Jannar 2015 fil-waqt li xahrejn qabel (fit-2 ta' Marzu 2015) (sic) xehed li kellu każ pendenti u qal li dak il-każ kien għadu għaddej. **Kwindi huwa palesament ma qalx il-veritá u pprova jisgwida lill-Qorti u lill-appellata** li ma kellha ebda mezz biex tkun taf li huwa kien ġa tħallas mill-ex employer tiegħu. **Dan it-tip ta' atteġjament qatt ma jista' jiġi aġevolat mill-Qorti** u għalhekk din il-Qorti se tilqa' dan l-aggravju."

12. Illi għar-riżoluzzjoni ta' dan il-kwistjoni, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ordnat lill-appellat inċidentali (konvenut odjern) iħallas nofs dak ir-rikavat li jkun irid jiġi likwidat f'ġudizzju separat;

13. Illi nhar il-11 ta' Lulju 2019, l-esponenti tramite l-avukat sottofirmat, kitbet lill-konvenut u interpellatu sabiex entro ġimgħa

javżaha tramite l-avukat tiegħu kif beħsiebu jipproċedi dwar il-ħlas dovut lill-esponenti mill-vertenza li kellu ma' Smart City Malta Ltd. Kopja ta' din l-ittra qed tiġi annessa u mmarkata "Dok D";

14. Illi minkejja t-trapass taż-żmien, sal-lum l-intimat baqa' moruż;

15. Illi hu minn ewl id-dinja li fil-waqt li l-esponenti ilu sa mill-2016 igawdi l-frottijiet tas-somma li hu ġabar u din kif se jiġi ppruvat aħjar fil-mori ta' din il-kawża tant li nvesta fi propjeta immobiljari, l-esponenti mhijiex f'qagħda li takkwista dar għaliha u minflok spiċċat tabita ma' ommha peress li dak spettanti lilha approprja ruħu minnu l-istess intimat li l-Onorabbli Qorti tal-Appell tagħtu ċertifikat li gideb meta xehed dwar din il-kwistjoni;

16. Illi jsegwi li l-esponenti qed issofri danni waqt li l-konvenut qiegħed jarrekkixxi ruħu frott id-diżonesta tiegħu konfermata mill-fatt li xehed dak li mhux minnu fil-mori tal-kawża ta' separazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;

17. Illi jiġi rilevat li wara li ressqet kwerela lill-Pulizija, l-Avukat Ġenerali ta n-*nolle prosequi* billi skond l-Avukat Charles Mercieca (sa dak in-nhar addett mal-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali) ma kienx jissusistu l-elementi tar-reat ta' sperġur minkejja s-sentenza suriferita tal-Onorabbli Qorti tal-Appell;

18. Illi b'digiret tat-28 ta' April 2020, din l-Onorabbli Qorti ordnat l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 47/2020 fuq rikors tal-esponenti sabiex tikkawtela l-pretensjoni odjerna waqt li b'digriet ieħor tat-13 ta' Mejju 2020 dejjem fuq rikors tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti ordnat l-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni numru 48/2020 (Dok. E) sabiex iżżomm l-istess intimat milli jbiegħ l-unika proprjeta immobiljari li għandu ossia 40% ta' biċċa art u milli jaggravha ulterjorment bi djun;

19. Illi l-unika triq li għandha l-esponenti hija li tipproċedi bl-odjerna kawża;

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li l-esponenti hija kreditriċi tal-konvenut ta' nofs somma li huwa pperċepixxa minn Smart City Malta Limited in linea ta' transazzjoni ta' vertenza ta' natura industrijali u li skond sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Frar 2017 (Rik. Ġur. Nru 15/13RGM) fl-ismijiet inversi, kif konfermata fl-appell, il-konvenut odjern ġie ordnat iħallas nofs dak ir-rikavat li jkun irid jiġi likwidat f'ġudizzju separat ossia l-kawża odjerna li kellha ssir peress li dan baqa' inadempjenti minkejja s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li ma setgħetx tkun aktar ċara fiċ-ċensura tagħha fil-konfront tal-konvenut u billi l-esponenti qed issofri danni minħabba dan l-aġir tal-konvenut, qiegħdha titlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni;

Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett, illi prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tillikwida s-sehem dovut mill-konvenut lill-attriċi mis-somma li l-istess konvenut ipperċepixxa minn Smart City Malta Limited in segwitu għat-tilwima tax-xogħol li kellu fil-konfront tal-istess soċjetà liema tilwima nġiebet quddiem it-Tribunal Industrijali fil-kwistjoni tax-xogħol bejn Antoine Portelli u Smart City Malta Limited (każ numru 2752/MF) u dan konfermement mas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' April 2017 u tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-31 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet inversi;

2. Tordna lill-konvenut iħallas is-somma hekk likwidata;

3. Tiddikjara li bl-aġir tiegħu l-konvenut irreka danni lill-esponenti;

4. Tillikwida l-ammont hekk dovut in linea ta' danni;

5. Tordna lill-konvenut iħallas l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 47/2020 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 48/2020 fl-istess ismijiet, u bl-imgħax, kontra l-konvenut minn issa inġunt in subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut li in forza tagħha eċċepixxa illi:

"1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari din l-Onorabbli Qorti ma hijiex dik kompetenti sabiex tidderimi t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet rikorrenti; dan għaliex il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti hija arġinata fil-Leġ. Suss 12.19 tal-Liġijeit ta' Malta li jipprekluduha mill tieħu qies tal-imsemmija tielet, raba' u ħames talbiet rikorrenti.

2. Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari iżda mingħajr preġudizzju għall-premess it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet rikorrenti huma, fi kwalnkwe każ, preskritti ai sensi tal-art. 2153 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Fit-tielet lok, ukoll in linea preliminari, iżda mingħajr preġudizzju għall-premess, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet rikorrenti huma improponibbli ai sensi tal-art. 1139 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Fir-raba' lok, ukoll in linea preliminari iżda mingħajr preġudizzju għall-premess l-ewwel u t-tieni talbiet rikorrenti huma ormai preskritti ai sensi tal-Art. 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Fil-ħames lok, fil-mertu iżda mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet kollha rikorrenti huma kemm legalment u kif ukoll fattwalment insostenibbli biex b'hekk jibqgħu infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif se jirriżulta waqt is-smigħ ta' dawn il-proċeduri;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, skont il-ħtieġa, u b'riżerva ċara għal kull azzjoni spettanti lill-esponenti, skond iċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti, illi tinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni."

3. Rat is-sentenza li tat il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-10 ta' Diċembru, 2020, li in forza tagħha dik il-Qorti ddikjarat ruħha inkompetenti li tisma' l-każ.

4. Rat illi b'digriet tal-5 ta' Mejju, 2021, il-Prim Imħallef ordna li dan il-każ jinstema' mill-Qorti Ċivili Prim'Awla.

5. Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Novembru, 2022, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fil-meritu fis-sens li ġej:

"i. **<u>Tastjeni</u>** milli tqis l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut ladarba din ġiet megħluba wara li l-atti tal-kawża spiċċaw quddiem din il-qorti b'digriet tal-Prim Imħallef tal-5 ta' Mejju, 2021;

ii. **<u>Tiċħad</u>** it-tieni u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut għaliex l-azzjoni attriċi mhijiex preskritta skont l-**artikoli 2153** u **2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

iii. **<u>Tiċħad</u>** it-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut għaliex l-attriċi għandha raġun li tmexxi bit-talbiet kollha tagħha;

iv. **<u>Tilqa'</u>** l-ewwel u t-tieni talba attriċi billi tillikwida u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €22,500 bħala sehma mill-ammont li huwa rċieva mingħand Smart City Malta Limited bħala riżultat ta' tilwima tax-xogħol li kien hemm bejniethom; u

v. **<u>Tilqa'</u>** t-tielet, ir-raba' u l-ħames talba attriċi billi tiddikjara, tillikwida u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi bħala

danni, l-imgħax bit-8% fuq is-somma ta' €22,500, b'seħħ mid-19 ta' Jannar, 2017 sad-data tal-ħlas effettiv;

**Tordna** li l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-kawża, magħdud magħhom dawk li għandhom x'jaqsmu mal-mandati kawtelatorji 47/2020 u 48/2020 għandhom jitħallsu mill-konvenut Antoine Portelli bħala l-parti telliefa f'din il-kawża. Minbarra dan, billi l-qorti hija tal-fehma wkoll illi r-risposta maħlufa ppreżentata minnu hija att għalkollox fieragħ u vessatorju, il-qorti, wara li rat il-**paragrafu 10 tat-Tariffa A** mehmuża mal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, qiegħda tikkundanna lill-konvenut Antoine Portelli jħallas lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali spejjeż addizzjonali ta' elf ewro (€1000)."

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

"12. Il-partijiet iżżewġu fl-24 ta' Frar, 1990 u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal;

13. Fis-sena 2013 inbdew il-proċeduri ***Antoine Portelli v. Marthese sive Merthis Portelli (Rik. 15/13RGM)*** biex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tippronunzja l-firda personali ta' bejn il-partijiet u taqsam il-ġid li kien jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm fis-seħħ bejniethom;

14. Fit-23 ta' Jannar, 2015, l-avukat ta' Antoine Portelli kkonferma li huwa rċieva s-somma ta' €45,000 mingħand Smart City Malta Limited bħala ħlas għas-saldu ta' tilwima li kien hemm bejniethom (ara paġna 168 tal-atti tal-kawża u paġna 179 tal-atti tar-revoka tal-mandat 125/21AF li ġew mehmuża ma' din il-kawża b'digriet tas-27 ta' Settembru, 2021);

15. Fil-verbal tas-26 ta' Jannar, 2015, f'kawża quddiem it-Tribunal Industrijali fl-ismijiet ***Antoine Portelli v. Smart City Malta Ltd (Każ Nru. 2751/MF)***, ġie mniżżel li t-tilwima tax-xogħol li kien hemm bejn dawn iż-żewġ partijiet ma kinitx ħa tkompli minħabba ftehim bonarju li ntlaħaq bejniethom (ara paġna 50 tal-atti tal-kawża);

16. Fl-4 ta' Frar, 2015 Antoine Portelli ddepożita f'kont bankarju tiegħu mal-HSBC Bank Malta plc is-somma ta' €45,000 (ara l-warrani ta' paġna 132 tal-atti tal-kawża), li huwa kien irċieva b'ċekk tat-23 ta' Jannar, 2015 (ara paġna 127 tal-atti tal-kawża);

17. Kif xehdet Lara Caruana, institur ta' Smart City Malta Limited, dan l-ammont ta' €45,000 tħallas lil Antoine Portelli sabiex tingħalaq tilwima li kien hemm għaddejja quddiem it-Tribunal Industrijali dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu (ara paġni 180 u 181 tal-atti tar-revoka

tal-mandat 125/21AF li ġew mehmuża ma' din il-kawża b'digriet tas-27 ta' Settembru, 2021);

18. Aktar tard fis-27 ta' April, 2017, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat sentenza fil-kawża 15/13RGM li biha ddikjarat li ż-żwieġ bejn Antoine u Marthese Portelli tfarrak minħabba raġunijiet li jaħti għalihom Antoine Portelli (ara paġni 10 sa 48 tal-atti tal-kawża). Fl-istess sentenza, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat li Antoine Portelli kellu jħallas lil Marthese Portelli,

> *"Kull ammont li jista' jiġi likwidat favur l-attur bħala kumpens pagabbli minn Smart City Malta Limited ikun jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u diviż bejn iż-żewġ partijiet f'sehem indaqs bejniethom."*

19. Minn din is-sentenza appellaw Antoine Portelli b'mod ewlieni u Marthese Portelli (illum Roper) b'mod inċidentali;

20. Fl-appell inċidentali tagħha, Marthese Portelli saħqet li hija saret taf li Antoine Portelli kien irċieva somma flus mingħand Smart City Malta Limited bħala transazzjoni ta' kawża marbuta ma' tkeċċija inġusta ta' impjieg li kien hemm għaddejja quddiem it-Tribunal Industrijali. Għalhekk hija talbet lill-Qorti tal-Appell biex tieħu nofs din is-somma bħala sehma mill-komunjoni tal-akkwisti;

21. Fis-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2019 (ara paġni 51 sa 61 tal-atti tal-kawża), il-Qorti tal-Appell iddeċidiet hekk dwar l-appell inċidentali:

> *"Il-Qorti ma tistax ma tikkundannax l-aġir tal-appellant prinċipali u appellat inċidentali f'dan ir-rigward għaliex jirriżulta mill-atti li huwa ittransiġa l-kawża msemmija fis-26 ta' Jannar 2015 fil-waqt li xahrejn qabel (fit-2 ta' Marzu 2015) xehed li kellu każ pendenti u qal li dak il-każ kien għadu għaddej. Kwindi huwa palesament ma qalx il-verità u pprova jisgwida lill-Qorti u lill-appellata li ma kellha ebda mezz biex tkun taf li huwa kien ġa tħallas mill-ex employer tiegħu. Dan it-tip ta' atteġġjament qatt ma jista' jiġi aġevolat mill-Qorti u għalhekk din il-Qorti se tilqa' dan l-aggravju. L-appellanti inċidentali però ghalkemm fir-rikors tagħha qalet li kien fi ħsiebha tagħmel talba biex jitressqu l-provi fir-rigward, baqgħet ma għamilitx dan u għalhekk il-Qorti se jkollha tillimita ruħha billi tordna lill-appellat inċidentali jħallas nofs dak ir-rikavat li jkun irid jiġi likwidat f'ġudizzju separat."*

22. Fil-parti finali tas-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell ordnat lil Antoine Portelli biex iħallas lil Marthese Portelli (illum Roper) nofs l-ammont li huwa rċieva mit-tilwima li huwa kellu quddiem it-Tribunal Industrijali ma' Smart City Malta Limited u li ġie transatt quddiem l-istess Tribunal fis-26 ta' Jannar, 2015;

23. B'ittra tal-11 ta' Lulju, 2019 (ara paġna 62 tal-atti tal-kawża), l-avukata ta' Merthis Portelli (illum Roper) talbet lil Antoine Portelli sabiex jirregola ruħu wara din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell iżda Antoine Portelli baqa' m'għamel xejn;

24. B'digriet tat-28 ta' April, 2020 din il-qorti, b'Imħallef differenti, ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 47/2020 u b'digriet ieħor mogħti fit-13 ta' Mejju, 2020 (ara paġni 66 sa 67 tal-atti tal-kawża), din il-qorti dejjem b'Imħallef differenti, ordnat li jinħareġ ukoll mandat ta' inibizzjoni 48/2020 kontra Antoine Portelli biex jinżamm milli jittrasferixxi xi ġid immobbli tiegħu;

25. B'digriet tat-3 ta' Ġunju, 2021, din il-qorti b'Imħallef differenti, ħassret il-mandat ta' sekwestru 47/2020 għaliex l-ammont pretiż minn Marthese Portelli, kien biżżejjed kawtelat bil-mandat ta' inibizzjoni 48/2020 u bis-€16,000 li ġew depożitati fil-qorti wara l-mandat ta' sekwestru (ara l-atti tar-revoka tal-mandat 125/21AF li ġew mehmuża ma' din il-kawża b'digriet tas-27 ta' Settembru, 2021). L-ispejjeż marbuta mal-proċedura tar-revoka tal-mandat ġew riżervati għall-ġudizzju finali fil-kawża fil-mertu;

26. Fit-22 ta' Mejju, 2020 imbagħad infetħet din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

27. F'din il-kawża l-attriċi qiegħda titlob żewġ affarijiet ewlenija: (i) biex il-konvenut iħallasha nofs l-ammont li huwa rċieva mingħand Smart City Malta Limited; u (ii) biex il-konvenut iħallasha għad-danni li tgħid li ġarrbet minħabba li huwa ma ħallashiex mill-ewwel. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha (ara paġna 196 tal-atti tal-kawża), l-attriċi tippreċiża li bħala danni hija qiegħda tippretendi li titħallas l-imgħax fuq is-somma li l-konvenut kellu jħallasha bħala sehma mill-ammont li rċieva mingħand Smart City Malta Limited;

28. Il-qorti sejra tibda billi l-ewwel tqis it-talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' sehem l-attriċi mill-ammont li l-konvenut irċieva mingħand Smart City Malta Limited;

29. Joħroġ ċar mill-atti ta' din il-kawża u mill-atti tar-revoka tal-mandat 125/21AF, li l-konvenut irċieva s-somma ta' €45,000 mingħand Smart City Malta Limited bħala parti minn ftehim biex jagħlaq tilwima tax-xogħol li huwa kellu quddiem it-Tribunal Industrijali. Dan jirriżulta mill-ftehim ta' transazzjoni bejn Antoine Portelli u Smart City Malta Limited iffirmat fit-23 ta' Jannar, 2015, miċ-ċekk tal-istess data maħruġ fuq isem Antoine Portelli fl-ammont ta' €45,000 u mid-depożitu ta' €45,000 għal ġol-kont bankarju ta' Antoine Portelli;

30. Fis-sewwa, il-konvenut Antoine Portelli mhuwiex qiegħed jikkontesta l-fatt li huwa irċieva s-somma ta' €45,000 mingħand Smart City Malta Limited. Kemm hu hekk, fil-verbal tat-28 ta' Ġunju, 2021 (ara paġna 112 tal-atti tal-kawża), l-avukat tal-konvenut ħeles lill-attriċi mill-ħtieġa li toqgħod tħarrek rappreżentant ta' Smart City Malta Limited biex jikkonferma l-ammonti li huma ħallsu lill-konvenut b'rabta mal-proċeduri tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu;

31. Mod ieħor, dak li qiegħed jisħaq il-konvenut Antoine Portelli fir-**<u>raba' eċċezzjoni</u>** tiegħu, huwa li hu m'għandu jħallas xejn lill-attriċi mis-somma li huwa daħħal mingħand Smart City Malta Limited, għaliex l-azzjoni tagħha għal dan il-ħlas tinsab preskritta skont l-**artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

32. Illi skont l-**artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' ħames snin, "*l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*";

33. Bħala daħla fuq din it-tema ta' preskrizzjoni, il-qorti tgħid illi l-filosofija legali li tiġġustifika l-preskrizzjoni hi: li wara ċertu żmien l-obbligazzjonijiet bejn il-partijiet iridu jiġu magħluqa (ara ***Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma v. Oil and Construction International Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2004 u ***Dr. John Cassar et v. Tarcisio Azzopardi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' April, 2007). Il-liġi ma tistax tippermetti illi tilwimiet jibqgħu mdendlin mingħajr ma jingħalqu. Dan mhux biss għax fih innifsu jista' jkollu effett negattiv soċjali u legali, iżda wkoll mil-lat prattiku, għax aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar isir diffiċli biex jitressqu dawk il-provi neċessarji biex issir il-ġustizzja (ara ***Albert Camilleri v. Dr. Richard Galea Debono*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili deċiza fl-1 ta' Lulju 1997);

34. Il-preskrizzjoni għalhekk hija mezz sabiex wieħed jinħeles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu fiż-żmien li tgħid il-liġi (ara **artikolu 2107(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u ***Josephine sive Josette Zammit v. Darren Woodhead*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' April, 2010). Din tolqot il-jeddijiet u l-azzjonijiet li jmissu lil kull persuna, istitut jew korp morali bla ebda distinzjoni (ara **artikolu 2115(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**);

35. Naturalment ma tistax tiġi invokata l-estinzjoni tal-azzjoni minħabba preskrizzjoni, jekk dak li jkun, ikun ġa kiseb titlu eżekuttiv permezz ta' sentenza;

36. Sewwasew fil-każ tagħna, ġa teżisti sentenza finali tal-Qorti tal-Appell mogħtija fll-31 ta' Mejju, 2019, li tgħid li l-konvenut Antoine Portelli għandu jħallas lill-attriċi nofs l-ammont li huwa rċieva mingħand Smart City Malta Limited. Fil-fatt fid-*decide* tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell insibu miktub iswed fuq l-abjad li l-konvenut irid iħallas lill-attriċi, «*nofs ir-rikavat mill-vertenza li huwa kellu quddiem it-Tribunal Industrijali ma' Smart City (Malta) Limited u li ġie transatt quddiem l-istess Tribunal fis-26 ta' Jannar, 2015»;*

37. Huwa minnu li f'din is-sentenza l-likwidazzjoni tal-ammont li jrid jitħallas mill-konvenut ġie mħolli għall-proċeduri separati, imma dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li din is-sentenza kkundannat lill-konvenut biex iħallas nofs l-ammont li huwa rċieva mingħand Smart City Malta Limited. Din il-kundanna għall-ħlas, illum tikkostitwixxi titlu eżekuttiv bis-saħħa ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell. Ifisser dan, li l-konvenut ma jistax jgħid li l-azzjoni attriċi tinsab preskritta. Jiġi b'hekk, li l-azzjoni tal-attriċi biex hija titħallas ta' sehma mis-somma li Antoine Portelli rċieva minn Smart City Malta Limited, mhux talli mhijiex preskritta iżda talli llum hija mseddqa saħanistra b'sentenza tal-Qorti tal-Appell;

38. Fuq kollox, anke li kieku ma teżistix din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-konvenut xorta waħda hija waħda għalkollox ħażina u fiergħa għaliex skont l-**artikolu 2118** tal-**Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, ma jistgħux jippreskrivu dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor jew dawk li ma jżommux il-ħaġa bħala tagħhom infushom;

39. Fil-każ tagħna, meta l-konvenut Antoine Portelli rċieva s-somma ta' €45,000 mingħand Smart City Malta Limited, huwa kien jaf li bil-liġi li tirregola l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-miżżewġin, nofs din is-somma kienet tappartjeni lill-konvenuta bħala martu (ara f'dan is-sens ***Joseph Vella v. Lorraine Vella Calleja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2022). Fil-fatt il-konvenut prova jaħbi dan il-fatt billi ma qalx lill-konvenuta li huwa rċieva din is-somma;

40. Ifisser għalhekk li bit-tħaddim tal-**artikolu 2118** tal-**Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-konvenut Antoine Portelli ma jistax iqajjem il-preskrizzjoni kontra l-attriċi biex ma jħallashiex nofs l-ammont ta' €45,000 għaliex meta huwa baqa' jżomm nofs dan l-ammont huwa kien qed iżommhom mhux għalih innifsu iżda f'isem l-attriċi bħala parti minn sehma mill-komunjoni tal-akkwisti;

41. Ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut għalhekk qiegħda tiġi miċħuda bħala waħda li mhijiex mistħoqqa;

42. Hekk ukoll mhijiex tajba l-**<u>ħames eċċezzjoni</u>** tal-konvenut safejn din tolqot l-ewwel żewġ talbiet attriċi għaliex l-attriċi għandha kull jedd li tiġbor nofs l-ammont mis-somma ta' €45,000 li l-konvenut irċieva mingħand Smart City Malta Limited;

43. Kemm hu hekk, il-qorti qiegħda tilqa' l-**<u>ewwel żewġ talbiet attriċi</u>** u qiegħda tillikwida u tordna lill-konvenut Antoine Portelli sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' €22,500 bħala sehma min-nofs l-ammont ta' €45,000 li l-konvenut irċieva mingħand Smart City Malta Limited, hekk kif ġie ordnat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2019;

44. Il-qorti tista' tgħaddi biex tqis il-bqija tat-talbiet tal-attriċi, fejn din qiegħda titlob biex jiġu likwidati d-danni li ġew imġarrba minnha bħala

konsegwenza tal-fatt li Antoine Portelli naqas milli jħallasha s-somma ta' €22,500. Għalkemm b'nota mressqa fis-17 ta' Jannar, 2022 (ara paġna 173 tal-atti tal-kawża), l-attriċi ppruvat tagħti x'tifhem illi bħala danni kienet qiegħda tippretendi ħlas minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-postijiet immobbli, madankollu fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha hija ppreċiżat li bħala danni f'din il-kawża, hija qiegħda tfittex biss l-imgħax legali fuq is-somma ta' €22,500, b'seħħ mill-2015 minn meta l-konvenut irċieva l-flus mingħand Smart City Malta Limited;

45. Il-konvenut Antoine Portelli jibda billi jilqa' għal dawn it-talbiet billi jgħid fit-**<u>tieni eċċezzjoni tiegħu</u>** li dawn it-talbiet għall-ħlas għad-danni jinsabu preskritti skont l-**artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Skont dan l-artikolu speċifiku tal-liġi, l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat, taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn. Il-konvenut jargumenta li għaddew aktar minn sentejn bejn id-data ta' meta huwa rċieva l-ħlas mingħand Smart City Malta Limited fl-2015 u d-data ta' meta l-attriċi fetħet din il-kawża fl-2020. Għalhekk fil-fehma tiegħu t-talbiet għad-danni mressqa mill-attriċi jinsabu preskritti;

46. Din il-qorti iżda ma taqbilx li dan l-artikolu msemmi mill-konvenut jgħodd għax-xorta tal-każ li għandha quddiemha. Dan hu hekk għaliex id-danni mitluba mill-attriċi jinsabu mnissla mill-fatt li Antoine Portelli qal ħaġa b'oħra fil-proċeduri 15/13RGM. Kif indikat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2019, il-konvenut xehed il-falz meta ħeba l-fatt li huwa kien laħaq ftehim ma' Smart City Malta Limited dwar it-transazzjoni u qal minflok li l-każ quddiem it-Tribunal Industrijali kien għadu għaddej. Li kieku l-konvenut Antoine Portelli qal il-verità u xehed li rċieva s-somma mingħand Smart Cirty Malta Limited, nofs is-somma li kienet dovuta lill-attriċi kienet tinqasam mill-ewwel fil-proċeduri tal-firda personali 15/13RGM;

47. Iżda l-konvenut Antoine Portelli għażel li jixhed il-falz u b'hekk żgwida mhux mhux biss lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iżda anke lill-attriċi li ma kellhiex mod li tkun taf mill-ewwel li huwa kien tħallas minn Smart City Malta Limited. Għalhekk kienet ix-xiehda falza ta' Antoine Portelli li żamm lill-attriċi milli tieħu mill-ewwel, fil-proċeduri tal-firda personali, nofs is-somma mħallsa minn Smart City Malta Limited lill-konvenut;

48. Issa skont l-**artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali** l-isperġur fi proċeduri ċivili huwa reat kriminali. Ifisser dan li l-konvenut ma jistax iqajjem il-preskrizzjoni tas-sentejn imsemmija fl-**artikolu 2153** tal-**Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** ladarba d-danni mitluba mill-attriċi jinsabu mnissla minn imġieba li jista' jikkostitwixxi reat;

49. Huwa minnu li mill-atti ta' din il-kawża, ma jirriżultax li l-konvenut Antoine Portelli ġie ddikjarat ħati ta' sperġur minn qorti kriminali. Dan iżda ma jbiddel xejn mill-fatt li l-konvenut Portelli ma jistax isib wens fl-**artikolu 2153** tal-**Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Kif

ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Joseph Attard et v. Anthony Attard et*** deċiża fit-8 ta' Jannar, 2018, il-kriterju għall-applikabilità tal-**artikolu 2153** mhuwiex jekk il-konvenut li jressaq l-eċċezzjoni jkunx instab ħati minn qorti kompetenti li jkun wettaq reat, iżda jekk il-fatti li jkunu ikkaġunaw il-ħsara li għaliha jintalab il-ħlas ta' danni jifformawx l-elementi ta' reat: jekk iva l-azzjoni ma tintlaqatx bl-**artikolu 2153**; jekk le, tintlaqat. Dan huwa konsegwenza tal-fatt illi, kif jgħid l-**artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali**, kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili li jimxu indipendentement minn xulxin;

50. Fil-każ tal-lum, billi l-ħsara li l-attriċi qiegħda tgħid li ġarrbet ġejja mill-fatt li l-konvenut xehed il-falz fil-proċeduri 15/13RGM, l-azzjoni tagħha ma tintlaqatx bl-**artikolu 2153** tal-**Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

51. Ukoll, li kieku wieħed kellu jqis li għall-każ tal-lum jgħodd l-**artikolu 2153** tal-**Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, xorta waħda ma jirriżultax li l-azzjoni attriċi tinsab preskritta bl-għeluq ta' sentejn. Huwa prinċipju legali li *contra non valentem agere non currit prescriptio*, li maqlub għall-Malti jfisser li l-preskrizzjoni ma titlaqx kontra min huwa mxekkel jew miżmum milli jaġixxi (ara ***Joseph Żammit Tabona nomine et v. Joseph N. Tabone nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010). Tassew jeżistu sitwazzjonijiet ta' ċertu impedimenti li jagħmluha impossibbli, jew diffiċli, biex parti tressaq l-azzjoni tagħha. Tali impedimenti jissospendu l-preskrizzjoni u ma jobbligawx lil dak li jkun illi jieħu miżuri oħra biex jikkonserva l-azzjoni tiegħu (ara ***Caterina Ġerada et v. Avv. Dr. Antonio Caruana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 1969 u ***Joseph Borġ et v. Josephine Breckon*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Marzu, 2006);

52. Sfiq ma' dan, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li l-istitut tal-preskrizzjoni estintiva huwa maħsub biex jippenalizza lill-kreditur li jkun traskurat fil-ħarsien tal-jeddijiet tiegħu u li jħalli sospiżi u pendenti għal żmien twil wisq ir-relazzjonijiet legali tiegħu mad-debitur. Mill-banda l-oħra, iżda l-preskrizzjoni estintiva mhijiex maħsuba biex tħares l-interessi ta' min bħall-konvenut Antoine Portelli, bil-qerq u bil-gideb, ifittex illi jaħrab mir-responsabbiltajiet u mid-djun tiegħu (ara ***Rita Seguna nomine v. Loren Rita Abela et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ġunju, 2004 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2007). Jiġi b'hekk, li l-preskrizzjoni ma tgħaddix kontra dak il-kreditur li, minħabba l-gideb tad-debitur tiegħu, ma jistax imexxi kontrih;

53. Sewwasew fil-każ tagħna, il-konvenut ma jistax jippretendi li l-attriċi kellha tiftaħlu l-kawża fl-2015, meta jirriżulta li huwa gideb fil-proċeduri tal-firda personali 15/2013RGM billi qal li huwa kien għadu ma rċieva l-ebda flejjes mingħand Smart City Malta Limited. Tassew l-attriċi ma setgħetx tkun taf li fl-2015, huwa rċieva s-somma ta' €45,000 mingħand Smart City Malta Limited. Hija saret taf dwar dan il-ħlas ferm wara din id-data;

54. Barra minn hekk, il-fatt li l-konvenut xehed il-falz ġie aċċertat biss fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2019. Għalhekk kien biss mid-data ta' din is-sentenza, li l-attriċi setgħet tiftaħ il-kawża għad-danni kontra l-konvenut talli huwa gideb fil-proċeduri ċivili sabiex ma jħallashiex dak li kien dovut lilha skont il-liġi li tirregola l-komunjoni tal-akkwisti. F'dan il-każ l-azzjoni għad-danni nfetħet fit-22 ta' Mejju, 2020, jiġifieri inqas minn sena wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019 u għalhekk fiż-żmien ta' sentejn imsemmi fl-**artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

55. Tħares minn fejn tħares għalhekk it-tieni eċċezzjoni mressqa mill-konvenut hija ħazina u qiegħda tiġi miċħuda;

56. Il-konvenut jgħid fit-**<u>tielet eċċezzjoni</u>** tiegħu li l-aħħar tliet talbiet tal-attriċi, fejn hi qiegħda titlob id-danni, huma improponibbli skont l-**artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan l-artikolu tal-liġi jitkellem dwar l-obbligu fuq il-midjun li jħallas l-imgħax minħabba li ma jkunx ħallas dejnu fil-ħin. Fl-ispeċifiku, dan l-artikolu jgħid li jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena;

57. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut ifisser li l-attriċi ma tistax titlob imgħax fuq is-somma ta' €22,500 minħabba l-prinċipju li *in illiquidis non fit mora*, li jfisser li debitur ma jistax jitqies li dam biex iħallas, jekk id-dejn tiegħu ma jkunx wieħed likwidat jew determinat;

58. Din il-qorti taqbel li l-prinċipju ġenerali huwa li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu mill-ġurnata tal-likwidazzjoni tagħhom. Insibu miżmum fil-ġurisprudenza, li bħala regola, l-imgħaxijiet mhumiex dovuti mill-ġurnata tat-talba meta d-dejn jkun inċert u illikwidu, iżda mill-jum tal-likwidazzjoni u tal-approvazzjoni tiegħu mill-qorti (ara ***Innocent Farruġia et v. Godwin Duca et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020);

59. Madankollu huwa minnu wkoll li l-ġurisprudenza tgħidilna li hemm każijiet fejn anke meta l-ammont ma jkunx determinat minn qabel, l-imgħaxijiet xorta waħda jistgħu jiġu maħduma u mogħtija minn data li tiġi qabel is-sentenza li tkun illikwidat dak l-ammont. Hekk pereżempju fis-sentenza ***Silvana Żammit et v. Middlesea Insurance p.l.c.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2010 ingħad li l-massima *in illiquidis non fit mora* ma tgħoddx meta l-likwidazzjoni tal-kreditu ma tkunx saret jew tkun ġiet imdewma bi ħtija tal-konvenut (ara wkoll ***Claire Borġ v. Victor Żammit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2008***, Perit John M. Gambina v. Fithome Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Mejju, 2011 u ***Tania Vassallo v. Anna***

***Rita sive Anita Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2014);

60. Ir-raġuni ewlenija għaliex il-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora* jista' jiġi injorat f'każijiet bħal dawn, hija biex ma jingħatax vantaġġ lill-parti debitriċi, li bi ħtija tagħha, il-likwidazzjoni ma tkunx setgħet issir qabel (ara ***Alfred Schembri v. Dr Louis Buhaġiar M.D***. deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 1997 u ***Anthony Mifsud et v. Raymond Martin Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju, 2020);

61. Il-każ tal-lum jaqa' sewwasew f'waħda mill-eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju fuq imsemmi. Il-konvenut Antoine Portelli kien jaf preċiżament li kellu jħallas nofs l-ammont ta' €45,000 lil martu ladarba dan l-ammont kien jifforma parti minn sehem il-komunjoni tal-akkwisti li kien dovut lill-attriċi. Mhux hekk biss, iżda talli huwa pprova jaħrab milli jħallas dan l-ammont billi gideb fil-kawża 15/13RGM. Madankollu kif jgħid il-Malti, il-giddieb għomru qasir għaliex il-konvenut inqabad li kien gideb. Il-qorti għalhekk ma tistax taqbel mal-konvenut li huwa m'għandux iħallas imgħax għar-raġuni li l-ammont dovut lill-attriċi ma kienx likwidat u determinat. Jekk l-ammont dovut lill-attriċi ma kienx determinat u likwidat minn qabel, dan kien dovut biss minħabba li l-konvenut gideb fil-kawża 15/13RGM u ma qalx li kien irċieva s-somma minn Smart City Malta Limited;

62. Jiġi b'hekk, li la l-konvenut kellu għarfien tajjeb tal-ammont ta' €22,500 (nofs is-somma ta' €45,000) li huwa kellu jħallas lill-attriċi u la huwa ma ħallasx dan l-ammont mill-ewwel, huwa xieraq li l-konvenut iħallas l-imgħax bit-tmienja fil-mija skont l-**artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

63. It-**<u>tielet eċċezzjon</u>**i tal-konvenut għalhekk qiegħda tiġi miċħuda. Hekk ukoll qiegħda tiġi miċħuda l-**<u>ħames eċċezzjoni</u>** tal-konvenut ladarba l-qorti qiegħda ssib li l-attriċi għandha l-jedd li titħallas l-imgħax bħala danni;

64. Il-qorti trid issa tqis kemm huwa l-imgħax li għandu jiġi mħallas lill-attriċi bħala danni għall-għanijiet tal-aħħar tliet talbiet attriċi;

65. Hawnhekk tidħol ir-regola msemmija fl-**artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid li l-imgħaxijiet għandhom jingħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni;

66. Fil-każ tagħna, l-attriċi talbet lill-konvenut b'mod speċifiku biex huwa jħallasha nofs l-ammont li huwa rċieva mingħand Smart City Malta Limited, fl-appell inċidentali li ġie mressaq minnha fl-14 ta' Ġunju, 2017 fil-kawża 15/12RGM. Dan l-appell inċidentali, li jikkwalifika bħala att ġudizzjarju għall-għanijiet tal-**artikolu 1141(2)**

**tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, ġie notifikat lill-konvenut fid-19 ta' Ġunju, 2017;

67. Għalhekk il-qorti qiegħda tiddisponi bl-aħħar tliet talbiet attriċi billi tillikwida u tordna lill-konvenut Antoine Portelli jħallas lill-attriċi bħala danni, l-imgħax bit-8% fuq is-somma ta' €22,500 li għandu jitlaq mid-19 ta' Jannar, 2017 sad-data tal-ħlas effettiv;

68. Il-qorti tagħlaq billi tgħid li ladarba l-attriċi qiegħda tingħata raġuni fit-talbiet kollha tagħha u l-konvenut qed jingħata tort, huwa xieraq li l-ispejjeż ġudizzjarji li għandhom x'jaqsmu ma' din il-kawża, inkluż dawk tal-mandati kawtelatorji 47/2020 u 48/2020 għandhom jitħallsu kollha mill-konvenut. B'żieda ma' dan, din il-qorti tqis li l-kontestazzjoni mressqa mill-konvenut f'din il-kawża kienet waħda għalkollox fiergħa u vessatorja. Il-konvenut, wara li nqabad jigdeb, ma kellux għalfejn iħalli ssir din il-kawża la kellu ordni mill-Qorti tal-Appell biex iħallas nofs is-somma li rċieva minn Smart City Malta Limited. Iżda l-konvenut mhux talli ma qagħadx mal-ordni tal-Qorti tal-Appell, iżda talli baqa' jinki lill-attriċi billi ma jħallashiex. Din ir-rieda ħażina tal-konvenut waslet anke biex ħela l-ħin ta' din il-qorti, li kellha toqgħod tokkupa ruħha minn din il-kawża minflok taħdem fuq kawżi oħra. Minħabba f'hekk il-qorti sejra tipprovdi dwar dan fil-kap tal-ispejjeż;".

7. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Antoine Portelli li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

"jogħġobha tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-28 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet premessi fit-termini tal-aggravvji hawn sollevati, u tilqa' b'hekk l-eċċezzjonijiet sollevati mill-appellanti, jew liema minnhom, u tiċħad konsegwentement it-talbiet tal-appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jmorru kontra l-appellata."

8. Rat ir-risposta tal-attriċi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet li:

"l-appell interpost mill-appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż prevja li s-sentenza appellata tiġi kkonfermata *in toto* u jiġu applikati l-pieni kommitati mil-liġi fil-konfront tal-appellant għal appelli frivoli u vessatorji.

Bl-ispejjeż."

9. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

10. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu reċentement permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat l-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

11. Illi f'din il-kawża l-attriċi qed titlob sehemha mis-somma ta' €45,000 li l-konvenut irċieva mingħand Smart City Malta Ltd meta ġie mkeċċi mix-xogħol li kellu ma' din il-kumpanija. Il-konvenut ma jiċħadx li din is-somma tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn il-partijiet qabel ma ddivorzjaw. Il-konvenut eċċepixxa li nofs din is-somma mhux dovuta lill-attrici peress illi t-talba tagħha tinsab preskritta. L-Ewwel Qorti li semgħet il-provi hi wara li l-każ kien ġie rimess lilha ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni, u ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €22,500, bl-imgħax mid-19 ta' Jannar, 2017, sad-data tal-ħlas effettiv.

12. Il-konvenut appella mis-sentenza u baqa' jsostni li l-azzjoni attriċi hi preskritta.

13. Din il-Qorti tgħid mill-ewwel li ma tistax taqbel mal-konvenut, u wkoll li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija studjata u ben motivata. Din il-Qorti, fil-fatt, tara li ftit għandha xi żżid ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti. Jirriżulta assodat li l-konvenut gideb bil-ġurament meta kien xehed fil-kawża li nstemgħet mill-Qorti tal-Familja li l-kawża li kien fetaħ quddiem it-Tribunal Industrijali kienet għadha pendenti u ma jafx l-eżitu x'sejjer ikun, u dan meta kien jaf li l-kawża kienet ġiet tranżatta u għat-tkeċċija tiegħu kien irċieva kumpens ta' €45,000. Hu aċċetta din is-somma *per via* di transazzjoni u l-każ tiegħu ġie mwaqqaf. Il-konvenut mhux talli ħeba dan il-fatt mill-attriċi, iżda b'mod sfaċċat gideb taħt ġurament quddiem qorti sa tliet xhur wara t-transazzjoni li ma kienx jaf x'sar mill-kawża tiegħu! Fid-dawl tal-prinċipju *fraus omnia vitiat*, il-konvenut ma jistax jinħeba aktar wara l-preskrizzjoni u jwaħħal fl-attriċi li bħala kreditriċi naqset li tikawtela l-interessi tagħha.

14. Oltre dan, meta l-konvenut irċieva s-somma, hu kien jaf li nofs dik is-somma tappartjeni lil martu bħala sehema mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-kumpens ingħata lilu in konnessjoni mal-impjieg tiegħu ma' Smart City Malta Ltd u dak li parti fiż-żwieġ iddaħħal in konnessjoni max-xogħol tagħha, jidħol biex jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti allura viġenti bejn il-koppja miżżewġa. Issa kif qalet l-Ewwel Qorti, fit-termini tal-Artikolu 2118 tal-Kodiċi Ċivili, ma jistgħux jippriskrivu dawk li jżommu l-

ħaġa f'isem ħaddieħor jew ma jżommux il-ħaġa bħala tagħhom infushom. Il-konvenut kien jaf li nofs il-kumpens kien ta' martu, tant li pprova jaħbi l-fatt li rċieva l-flus mingħandha. Il-konvenut kien qed iżomm tal-anqas nofs il-flus li rċieva mhux bħala tiegħu, imma pprova jiskapriċċa lill-attriċi martu bil-gideb u maniġġi frawdolenti.

15. Apparti dan kollu, kontra l-konvenut hemm diġa' sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2019, fejn hu ġie kkundannat iħallas lill-attriċi nofs ir-rikavat mill-vertenza li kellu quddiem it-Tribunal Industrijali. Minħabba l-ħabi tal-konvenut, din il-Qorti ma kinitx f'pożizzjoni tillikwida s-somma dovuta lill-attriċi, iżda l-kundanna hija ċara u kien jonqos biss li jiġi determinat l-ammont li rċieva bħala kumpens għat-tkeċċija inġusta tiegħu. Dik il-kundanna żgur isservi bħala interruzzjoni tal-preskrizzjoni għax stabbiliet bħala fatt li l-konvenut huwa debitur tal-attriċi. Darba li din ir-relazzjoni tirriżulta minn sentenza ta' dawn il-qrati, il-konvenut ma jistax jgħid aktar li hu mhux debitur tal-attriċi, li hija l-bażi tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

16. Għall-bqija, din il-Qorti taqbel ma' dak kollu li qalet l-Ewwel Qorti f'dan il-każ. Din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-attentat tal-konvenut li jipprova jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu lejn dik li kienet martu, u għalhekk oltre għall-kundanna li waħħlitu l-Ewwel Qorti għall-ħlas tal-penali lir-Reġistratur ta' dawn il-qrati, sejra tordna il-ħlas ta' spejjeż doppji

lill-attriċi biex jikkompensa ftit għall-battikati li qed jagħtiha biex tieħu dak li għandha dritt għalih. L-imgħaxijiet jitħallsu kif ordnat l-Ewwel Qorti għax l-ordni hija ġustifikata fil-liġi.

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut Antoine Portelli billi tiċħad l-istess u tikkonferma għal kollox is-sentenza tal-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha tal-kawża jkunu a karigu tal-konvenut appellant, u anzi tikkundanna lill-istess appellant għall-ħlas ta' spejjeż doppji.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da